ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 377

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

23 ta' Diċembru 2011

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Kunsill**


| | | |
|---|---|---|
| 2011/C 377/01 | Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2011 "Orjentazzjonijiet dwar il-valur miżjud u l-benefiċċji tal-ispazju għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej" | 1 |


OPINJONIJIET

**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**


| | | |
|---|---|---|
| 2011/C 377/02 | Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali | 5 |


MT

Prezz:
EUR 3

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2011/C 377/03 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ([1]) . . . 8

2011/C 377/04 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ([2]) . . . 13


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**


2011/C 377/05 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet fil-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ara l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1375/2011) 17


**Il-Kummissjoni Ewropea**


2011/C 377/06 Rata tal-kambju tal-euro . . . 19


MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE
([2]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

**tas-6 ta' Diċembru 2011**

**"Orjentazzjonijiet dwar il-valur miżjud u l-benefiċċji tal-ispazju għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej"**

(2011/C 377/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WARA LI KKUNSIDRA

1. Ir-riżoluzzjoni dwar "Sfidi globali: nieħdu l-benefiċċju sħiħ mis-sistemi spazjali Ewropej", kif adottata mis-Seba' Kunsill Spazju li ltaqa' fil-25 ta' Novembru 2010;

2. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-EU dwar "Lejn strateġija spazjali tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini" tal-31 ta' Mejju 2011; u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Lejn strateġija tal-ispazju għall-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini", adottata fl-4 ta' April 2011;

3. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ESA f'livell ministerjali dwar "Ir-rwol tal-ispazju biex jintlaħqu l-objettivi globali tal-Ewropa" tas-26 ta' Novembru 2008;

4. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Ewropa 2020 – "Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", adottata fit-3 ta' Marzu 2010 ([1]);

5. Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea – li s-suċċessur tagħha hija l-Unjoni Ewropea - u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (il-"Ftehim Qafas"), li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Mejju 2004 u għall-kooperazzjoni dejjem tikber bejn iż-żewġ partijiet;

6. WAQT LI JIRRIKONOXXI li l-kompetenza tal-UE fl-ispazju, stabbilita bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, issaħħaħ id-dimensjoni politika tal-ispazju fl-Ewropa ([2]);

7. JENFASIZZA r-rwol li s-sistemi spazjali għandhom biex jipprovdu informazzjoni u għodod prattiċi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiċi Ewropej fl-oqsma tal-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-għajnuna umanitarja, il-protezzjoni ċivili u l-immaniġġar ta' kriżijiet biex tiġi żgurata protezzjoni aħjar tal-bnedmin, il-proprjetà, l-ambjent u l-wirt kulturali fil-każ ta' diżastru naturali jew diżastru kkawżat mill-bniedem;

8. JISĦAQ li l-assi tal-ispazju jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-objettivi tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK); u JINNOTA f'dan il-kuntest l-iffirmar ta' Arranġament Amministrattiv bejn l-EDA u l-ESA fl-20 ta' Ġunju 2011 ([3]);

9. JIRRIKONOXXI li t-tlestija u l-isfruttament tas-sistemi ta' navigazzjoni globali ta' Galileo u tal-EGNOS kif ukoll il-programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) jipprovdu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lil utenti oħrajn b'għodod avvanzati u affidabbli bil-għan li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u dawk mhux Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-interoperabbiltà u l-użu integrat tal-applikazzjonijiet tal-ispazju għall-immaniġġar ta' kriżijiet, il-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja;

10. WAQT LI JILQA' l-illanċjar tal-ewwel żewġ satelliti Galileo fuq l-ewwel lanċatur Soyuz mis-"Centre Spatial Guyanais", Europe's Spaceport, ("Ċentru Spazjali Guyanais", il-Port Spazjali tal-Ewropa), li jirrappreżenta pass ġdid sinifikanti fl-attivitajiet spazjali tal-Ewropa;

11. WAQT LI JFAKKAR li infrastruttura spazjali, li hi kritika għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, għandha tkun protetta kontra r-riskji, kemm naturali, inklużi effetti potenzjali ta' tempesti solari, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn attivitajiet tal-bniedem (pereżempju residwu spazjali);

([1]) Dok. 7110/10.
([2]) B'mod partikolari l-Artikoli 4 u 189.
([3]) Dok. 10085/11.

12. WAQT LI JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020" ([1]), li tagħmel proposti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE 2014-2020 (MFF);

13. WAQT LI JIRRIKONOXXI li l-orjentazzjonijiet attwali tal-Kunsill Spazju huma mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet dwar l-MFF li jmiss;

## I. **L-ispazju għas-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli**

14. IFAKKAR li l-GMES kif ukoll Galileo/EGNOS huma programmi ewlenin tal-Unjoni Ewropea taħt ir-responsabbiltà u l-ġestjoni tal-Kummissjoni Ewropea, u li l-GMES hu wkoll mibni fuq sħubija mal-ESA u l-Istati Membri tagħhom, bl-involviment ta' korpi rilevanti oħrajn Ewropej; JAFFERMA MILL-ĠDID li hi prijorità tal-UE li tiżgura l-iżvilupp u l-isfruttament ta' servizzi u infrastrutturi sostenibbli tal-GMES fi żmien medju u fit-tul. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu l-azzjonijiet meħtieġa u f'waqthom biex tiżgura l-kontinwità tal-programm u tassigura lill-utenti tal-GMES u lill-partijiet interessati dwar l-impenn tagħha għall-programm tal-GMES;

15. JIRRIKONOXXI li l-GMES għandu rwol importanti biex jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha aċċess indipendenti għal informazzjoni strateġika ewlenija li tappoġġa ħafna politiki tal-UE stabbiliti fit-Trattat, bħall-agrikoltura, l-ambjent, it-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-protezzjoni ċivili, l-għajnuna umanitarja u s-sigurtà; u għalhekk JENFASIZZA l-ħtieġa li l-kontinwità u d-disponibbiltà tal-infrastruttura u tas-servizzi jkunu żgurati lil hinn mill-2013;

16. JINNOTA li t-tibdil fil-klima għandu implikazzjonijiet serji kemm għas-soċjetà u l-ekonomija, kif ukoll għall-ekosistemi naturali u dawk ġestiti mill-bniedem, JIRRIKONOXXI li l-GMES huwa kontribut Ewropew maġġuri għall-isforzi globali għall-għarfien dwar it-tibdil fil-klima u għall-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tal-impatti tiegħu, u JENFASIZZA li l-implimentazzjoni ta' servizz dedikat tat-Tibdil fil-Klima tal-GMES għandha tikkomplementa u tinteraġixxi ma' servizzi u attivitajiet oħrajn eżistenti biex jiġu pprovduti tweġibiet għal din l-isfida;

17. JILQA' d-disponibbilta' effettiva ta' informazzjoni bbażata fuq satellita fil-qafas tal-programm tal-GMES fl-appoġġ għal operazzjonijiet ta' kriżi waqt diżastri reċenti li seħħew fid-dinja kollha; JIKKUNSIDRA li l-GMES għandu rwol importanti bħala l-bażi għal kapaċità Ewropea għal rispons ta' emerġenza aħjar, f'sinerġija ma' mekkaniżmi eżistenti; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea biex ittejjeb aktar l-aċċess għal data u informazzjoni rilevanti pprovduta mill-programmi nazzjonali waqt sitwazzjonijiet ta' kriżi;

18. JILQA' r-riżultati li nkisbu mill-Kummissjoni Ewropea fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet preoperattivi tas-servizzi ta' sigurtà tal-GMES, u JIRRAKKOMANDA lill-Kummissjoni Ewropea f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-Istati Membri u l-aġenziji relevanti tal-UE, bħall-FRONTEX, l-EUSC, u l-EMSA, biex tiffinalizza d-definizzjoni ta', u taċċellera t-transizzjoni lejn, servizzi ta' sigurtà tal-GMES kompletament operattivi b'appoġġ għall-azzjonijiet esterni tal-UE u s-sorveljanza tal-fruntieri u l-ibħra, abbażi tad-domanda tal-utenti;

19. JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti kollha, biex tipproponi qafas organizzattiv, inkluż governanza, u l-istabbiliment tas-servizzi operattivi ippjanati; b'mod partikolari JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni Ewropea biex f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha tlesti d-definizzjoni ta' politika adatta dwar id-data għall-GMES, ibbażata fuq aċċess sħiħ u miftuħ għall-informazzjoni prodotta mis-servizzi tal-GMES u d-data miġbura permezz tal-infrastruttura tal-GMES, soġġett għal ftehim internazzjonali rilevanti, restrizzjonijiet ta' sigurtà u kondizzjonijiet ta' liċenzjar, inklużi r-reġistrazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-liċenzji ta' utenti u li timmassimizza l-użu tal-GMES u tibni fuq approċċ bilanċjat sew bejn aċċess bla ħlas għal ċerta data u servizzi pubbliċi u l-ħtieġa li jissaħħu swieq ta' osservazzjoni tad-Dinja fl-Ewropa u t-tkabbir ta' negozji eżistenti u emerġenti Ewropej li jipprovdu data u servizzi ta' data; kif ukoll il-governanza tas-sigurtà tal-komponenti u l-informazzjoni tal-GMES;

20. JIKKUNSIDRA li l-kwistjoni tas-sjieda tal-infrastruttura Spazjali tal-GMES hi ta' importanza ċentrali għall-futur tal-GMES u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea u lill-ESA biex ilestu l-valutazzjoni ta' din il-kwistjoni malajr kemm jista' jkun;

21. JINNOTA d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli ta' aċċess għas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS) offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-Programm Galileo ([2]); u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea, bl-appoġġ tas-SEAE, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u komunitajiet ta' utenti relatati biex tiddefinixxi l-miżuri adatti biex jiġi żgurat l-istabbiliment bla xkiel tal-PRS u sistemi assoċjati, filwaqt li jittieħed kont sħiħ tal-infrastruttura nazzjonali, għaliex dan itejjeb il-kapaċitajiet tal-UE għall-maniġġar ta' kriżijiet;

22. JIRRIKONOXXI li komunikazzjonijiet bis-satellita jirrappreżentaw kapaċita' ewlenija f'kull rispons għal kriżi u operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet, u riżors kruċjali u skars ħafna, speċjalment meta infrastrutturi fuq l-art ikollhom il-ħsara jew jiġu meqruda, u JIRRAKKOMANDA lill-Kummissjoni Ewropea, is-SEAE u l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-EDA, biex jaħdmu għal aċċess sikur u garantit għall-komunikazzjoni kummerċjali u governattiva bis-satellita għall-atturi fil-qasam tar-rispons għal kriżijiet u tal-immaniġġar ta' kriżijiet;

([1]) Dok. 12475/11.

([2]) Ġ.U. L 287, 4.11.2011 p. 1.

23. JISSOTTOLINJA li l-ġestjoni effettiva ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi titlob il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi adatti kif ukoll informazzjoni adatta biex jintużaw bl-aħjar mod, u għal-hekk teħtieg l-integrazzjoni ta' applikazzjonijiet differenti bbażati fl-ispazju u fuq l-art biex jappoġġaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet, immexxija minn atturi multipli involuti fil-protezzjoni ċivili u fl-operazzjonijiet umanitarji;

24. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea, b'appoġġ mis-SEAE, l-ESA u l-Istati Membri kif adatt u bl-appoġġ tal-EDA, biex:

— iżżid is-sensibilizzazzjoni dwar kapaċitajiet potenzjali għall-integrazzjoni ta' applikazzjonijiet tal-ispazju f'sistemi adatti fost l-utenti potenzjali,

— tiżgura l-aqwa użu tas-soluzzjonijiet spazjali fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni Ewropew fil-qafas tal-protezzjoni ċivili,

— tiżviluppa soluzzjonijiet, li jwasslu għall-interoperabbiltà ta' sistemi tekniċi relatati mal-ispazju u qafas koerenti ta' proċeduri operattivi biex jintu¿aw applikazzjonijiet ibbażati fl-ispazju għall-immaniġġar ta' kriżijiet,

— barra minn hekk, tesplora għażliet għall-minjaturizzazzjoni bl-użu ta' satelliti (mikro, nano u piko) żgħar bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż;

## II. **Sigurtà u sostenibbiltà għall-ispazju**

25. JINNOTA li hemm theddid serju għall-assi spazjali u l-infrastrutturi assoċjati tal-art, li jistgħu jinkludu riskji ta' kolliżjoni u l-impatt tat-temp spazjali; JIRRIKONOXXI l-importanza li servizzi u assi spazjali bħal dawn, li huma kritiċi għall-politika u l-ekonomija Ewropea jiġu protetti; u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal kapaċità effettiva għal Għarfien tas-Sitwazzjoni Spazjali (SSA) bħala attività f'livell Ewropew, inter alia, sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-assi spazjali Ewropej u tal-illanċjar futur tagħha minn skart spazjali u oġġetti oħra fl-ispazju kif ukoll fenomeni tat-temp spazjali; għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel l-usa' użu possibbli ta' assi, kompetenzi u ħiliet li diġà huma eżistenti jew li qed jiġu żviluppati fl-Istati Membri, f'livell Ewropew u kif adatt internazzjonalment;

26. JIRRIKONOXXI l-kontribut importanti tal-Programm ta' Tħejjija ta' SSA tal-ESA; waqt li jirrikonoxxi n-natura tal-użu doppju ta' sistema bħal din u b'kont meħud tad-dimensjoni ta' sigurtà partikolari tagħha, JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea f'kollaborazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESA u l-Istati Membri, li huma s-sidien ta' tali assi u għandhom kapaċitajiet u f'konsultazzjoni mal-atturi kollha involuti, biex jippreżentaw proposti għall-isfruttament ta' u l-bini fuq dawn l-assi u l-kapaċitajiet sabiex tiġi żviluppata kapaċità għal Gharfien tas-Sitwazzjoni Spazjali (SSA) bħala attività f'livell Ewropew u f'dak il-kuntest, biex jiddefinixxu politika adatta ta' governanza u data b'kont meħud tas-sensittività kbira tad-data tas-SSA.

27. JINNOTA li l-kapaċità operattiva futura f'livell Ewropew fil-qasam tas-SSA għandha tkopri tliet segmenti: sorveljanza u intraċċar ta' oġġetti fl-orbita, previżjoni u monitoraġġ tal-fenomeni tat-temp spazjali u l-effetti tagħhom b'mod partikolari fuq l-infrastruttura kritika u l-monitoraġġ ta' Oġġetti Qrib id-Dinja (NEOs), fid-definizzjoni ta' kapaċità tas-SSA, ibbażata fuq aggregazzjoni approvata [1] bejn ir-rekwiżiti tal-utenti ċivili u militari tas-SSA;

28. JIRRIKONOXXI li l-protezzjoni ta' assi spazjali ser tkun teħtieġ attivitajiet ta' riċerka kontinwi f'oqsma bħall-effetti tat-temp spazjali, l-intraċċar u l-previżjoni ta' skart spazjali u ta' NEOs, kif ukoll il-mitigazzjoni u t-tneħħija tagħhom; u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea, lill-ESA u lill-Istati Membri biex jevalwaw azzjonijiet adatti biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod adegwat;

29. JAGĦRAF il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà, is-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet kollha tal-ispazju. F'dan il-kuntest, ITENNI l-importanza li jitkomplew id-diskussjonijiet f'livell multilaterali dwar l-abbozz ta' Kodiċi ta' Kondotta internazzjonali għall-Attivitajiet fl-Ispazju Extraatmosferiku bil-ħsieb li jiżguraw l-adeżjoni għall-Kodiċi tal-akbar numbru possibli ta' Stati. JIKKUNSIDRA, ulterjorment, li aċċess usa' għal informazzjoni adegwata u affidabbli dwar attivitajiet spazjali għandha tirrapreżenta miżura għall-bini ta' kunfidenza, filwaqt li tipprovdi bażi għal fiduċja akbar fir-rigward ta' użi paċifiċi tal-ispazju;

30. JIKKUNSIDRA li l-politika industrijali għall-ispazju għandha tieħu kont tal-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-ispazju u tal-interess tal-Istati Membri kollha li jinvestu f'assi spazjali, u għandha timmira għall-objettivi komuni li ġejjin: l-appoġġ tal-kapaċità Ewropea għall-konċepiment, l-iżvilupp, it-tnedija, it-tħaddim u l-isfruttament ta' sistemi spazjali; it-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija Ewropea kemm għas-swieq domestiċi tagħha kif ukoll għal dawk tal-esportazzjoni; u l-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-żvilupp u l-involviment ibbilanċjati tal-kapaċitajiet fl-Ewropa; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi eżaminat jekk humiex meħtieġa miżuri adatti f'livell Ewropew u internazzjonali biex jiggarantixxu s-sostenibbiltà u l-iżvilupp ekonomiku tal-attivitajiet spazjali, inklużi dawk tas-settur kummerċjali Ewropew;

31. F'dan il-kuntest tas-sostenibbilta' ta' attivitajiet spazjali, IFAKKAR [2] fl-istedina tiegħu lill-atturi istituzzjonali Ewropej kollha sabiex iżommu aċċess indipendenti, affidabbli u kosteffettiv għall-ispazju b'kondizzjonijiet li jistgħu jintlaħqu, biex jagħtu prijorità għolja lill-użu ta' lanċaturi

[1] Dok. 15715/11.
[2] Dok. 16864/10.

żviluppati fl-Ewropa u biex jesploraw kwistjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni possibbli tagħhom f'attivitajiet ta' sfruttament relatati mal-lanċaturi;

## III. **Esplorazzjoni**

32. IFAKKAR fid-diskussjonijiet f'livell politiku bejn is-sħab Ewropej u internazzjonali waqt it-tielet Konferenza dwar l-Esplorazzjoni u l-ewwel laqgħa tal-Pjattaforma ta' Livell Għoli Internazzjonali dwar l-Esplorazzjoni li saret f'Lucca (fl-Italja) fl-10 ta' Novembru 2011 u d-Dikjarazzjoni tagħha li rrikonoxxiet l-benefiċċju minn djalogu ta' politika ta' livell għoli li jkun strutturat u kontinwu dwar l-esplorazzjoni spazjali futura li jista' jgħin biex jidentifika oqsma potenzjali għall-kooperazzjoni internazzjonali; JILQA' l-offerta mill-Istati Uniti li tospita d-djalogu li jmiss;

33. JIRRIKONOXXI l-potenzjal ta' esplorazzjoni robotika u umana fl-orbita qrib id-dinja u lil hinn minnha, appoġġat minn djalogu politiku internazzjonali ta' livell għoli f'livell ta' gvern, biex jipproduċi progress soċjetali, intelletwali u ekonomiku u benefiċċji għaċ-ċittadini. Dawn jinkludu l-ħolqien ta' sħubiji globali permezz tal-kondiviżjoni ta' miri ta' sfida u paċifiċi; l-inkoraggiment tal-avvanz tax-xjenza; l-impetu għal skoperti futuri; l-indirizzar ta' sfidi globali fl-ispazju u fid-dinja bl-użu ta' teknoloġija innovattiva; u billi s-soċjeta' u b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ jiġu ispirati bi sforzi kollettivi u individwali; u l-possibbiltà ta' tkabbir ekonomiku u opportunitajiet ġodda għan-negozju;

34. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea, lill-ESA u lill-Istati Membri biex ikomplu d-diskussjonijiet f'livell Ewropew u mas-sħab internazzjonali bil-ħsieb li tiġi definita strateġija lil hinn mill-2020, inkluż l-involviment Ewropew fiha, li għandha tiġi definita bi tħejjija tal-laqgħa ta' djalogu li jmiss li għandha tieħu kont tal-aspirazzjonijiet, il-prijoritajiet u r-riżorsi Ewropej.

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali

(2011/C 377/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 u 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA

### 1. INTRODUZZJONI

1. Fil-31 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali (minn hawn 'il quddiem "il-Proposta").

#### 1.1. Konsultazzjoni mal-KEPD

2. Il-Proposta ntbagħtet mill-Kummissjoni lill-KEPD fil-31 ta' Marzu 2011. Il-KEPD jifhem din il-komunikazzjoni fis-sens bħala talba biex jagħti parir lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Komunità, kif previst fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament (KE) Nru 45/2001"). Preċedentement ([3]), qabel l-adozzjoni tal-Proposta, il-KEPD ingħata l-possibbiltà mill-Kummissjoni biex jipprovdi kummenti informali. Il-KEPD jilqa' t-trasparenza tal-proċess, li għenet biex it-test jitjieb mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta fi stadju bikri. Xi wħud minn dawk il-kummenti ġew ikkunsidrati fil-Proposta. Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għall-konsultazzjoni preżenti fil-preambolu tal-Proposta.

#### 1.2. L-isfond ġenerali

3. Is-self responsabbli huwa definit mill-Proposta bħala d-diliġenza tal-kredituri u l-intermedjarji sabiex isellfu ammonti li l-konsumaturi jistgħu jaffordjaw u li jissodisfaw il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tagħhom. Il-kunċett ta' self responsabbli jimplika li l-konsumaturi għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti, kompleta u eżatta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, u huma mħeġġa sabiex jagħmlu deċiżjonijiet informati u sostenibbli.

4. Il-Proposta telenka firxa ta' fatturi li jinfluwenzaw id-deċiżjoni jekk jingħatax kreditu ipotekarju partikolari, l-għażla tal-prodott ipotekarju li jagħmel il-mutwatarju u l-kapaċità tal-mutwatarju li jħallas lura s-self. Dawn jinkludu l-klima ekonomika, l-assimetrija fl-informazzjoni u l-kunflitti ta' interess, nuqqasijiet u inkonsistenzi regolatorji, kif ukoll fatturi oħra bħall-kompetenza finanzjarja tal-mutwatarju u l-istrutturi tal-finanzjament tal-ipoteka. Fil-perspettiva tal-Proposta, l-imġiba irresponsabbli min-naħa ta' ċerti atturi tas-suq kien is-sors li wassal għall-kriżi finanzjarja, u għaldaqstant l-għoti u t-teħid b'self huma l-għanijiet li għandhom jiġu indirizzati mill-inizjattiva leġiżlattiva sabiex tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-kriżi finanzjarja.

5. Għaldaqstant il-Proposta tintroduċi rekwiżiti prudenzjali u superviżorji għal mutwanti u obbligi u drittijiet għal mutwatarji sabiex jiġi stabbilit qafas legali ċar li għandu jħares is-suq ipoteku tal-UE mill-effetti dannużi esperjenzati matul il-kriżi finanzjarja.

#### 1.3. Relazzjoni mar-reġim tal-protezzjoni tad-data tal-UE

6. Il-Proposta tinvolvi numru limitat ta' attivitajiet li huma rilevanti taħt ir-reġim tal-protezzjoni tad-data. Dawn prinċipalment huma relatati mal-konsultazzjoni tal-kredituri u l-intermedjarji ta' kreditu tal-hekk imsejjaħ "id-*database* ta'

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31 (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva 95/46/KE").
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) F'Diċembru 2010.

kreditu" bil-għan li tiġi vvalutata l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumaturi u għar-rilaxx ta' informazzjoni mill-konsumaturi lill-kredituri jew l-intermedjarji ta' kreditu.

7. Il-KEPD jinnota bi pjaċir li r-referenzi importanti għar-regoli rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta ġew inklużi fit-test attwali tal-Proposta. Madankollu, huwa jixtieq jinnota li huma meħtieġa xi kjarifiki oħra. Min-naħa l-waħda, il-Proposta m'għandhiex tintroduċi dispożizzjonijiet dettaljati wisq fuq ir-rispett tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta, li huwa ggarantit mill-applikabbiltà għal kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar tal-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE. Min-naħa l-oħra, il-KEPD jissuġġerixxi xi titjib fit-test bil-għan li dan jiġi ċċarat u bl-iskop li jiġi evitat li l-kriterji li jiddeterminaw d-drittijiet ta' aċċess għad-*database* ta' kreditu jiġu awtorizzati fil-leġiżlazzjoni ddelegata.

## 2. ANALIŻI TAL-PROPOSTA

### 2.1. Referenza għad-Direttiva 95/46/KE u l-obbligu li tiġi vvalutata l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur

*Premessa 30*

8. Il-KEPD jinnota bi pjaċir li l-Proposta introduċiet ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE fil-preambolu tat-test tad-Direttiva. Il-Premessa 30 tintroduċi l-applikazzjoni ġenerali tad-Direttiva 95/46/KE għall-attivitajiet ta' pproċessar tad-dejta li jitwettqu fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumaturi.

9. Madankollu, sabiex tirrifletti l-fatt li kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar tad-dejta għandha ssir skont ir-regoli ta' implimentazzjoni u li l-liġijiet nazzjonali differenti li jimplimentaw id-Direttiva huma r-referenzi xierqa, il-Proposta tista' tintroduċi Artikolu ġenerali kif ġej: "Kull ipproċessar ta' dejta personali mwettaq skont din id-Direttiva għandu jitwettaq f'konformità mal-liġijiet nazzjonali rilevanti li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE". Bl-introduzzjoni ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi speċifiċi għad-Direttiva fl-Artikoli 15(3) u 16(4) jistgħu jitneħħew.

*Artikolu 14*

10. L-Artikolu 14 tal-Proposta jintroduċi obbligu għall-kredituri sabiex iwettqu valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumaturi. Din il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ċerti kriterji bħall-introjtu, it-tfaddil, djun u impenji finanzjarji oħra tal-konsumatur. Dan l-obbligu jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-privatezza ta' individwi li jkunu qed ifittxu sors ta' kreditu, peress li t-tip u l-ammont ta' informazzjoni li tista' tiġi aċċessata mill-kreditur hija potenzjalment wiesgħa ħafna. Għaldaqstant, il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' speċifikazzjonijiet fit-test fir-rigward tal-limitazzjoni ta' tfittxija tal-kreditur għall-informazzjoni "meħtieġa" li tkun inkisbet mill-kreditur. L-Artikolu jistabbilixxi f'termini ġenerali li din l-informazzjoni tista' tinkiseb biss minn "sorsi interni jew esterni rilevanti". Il-KEPD jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza espliċita għall-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE, iżda madankollu jissuġġerixxi li għandhom jiġu speċifikati b'mod aktar dettaljat, sa fejn hu possibbli, liema huma s-sorsi minn fejn tista' tinkiseb l-informazzjoni.

### 2.2. Il-konsultazzjoni tad-database ta' kreditu

11. Id-*database* ta' kreditu jissemma l-ewwel darba fil-Premessa 27, fejn l-utilità tiegħu hija enfasizzata fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà ta' kreditu u matul il-ħajja tas-self. Il-premessa tispeċifika wkoll li, skont id-Direttiva 95/46/KE, il-konsumaturi għandhom jiġu infurmati dwar meta d-*database* jiġi kkonsultat, u għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw, jikkoreġu, jimblokkaw jew iħassru d-dejta li tinsab fid-*database*. L-Artikolu 14 jintroduċi obbligi speċifiċi fuq il-kreditur fir-rigward ta' rifjut possibbli tat-talba ta' kreditu, b'mod partikolari meta din tkun marbuta mal-konsultazzjoni tad-"*database* ta' kreditu".

12. Dispożizzjonijiet aktar ġenerali li jistabbilixxu l-kriterji għall-"aċċess tad-*Database*" jinsabu fl-Artikolu 16. L-Artikolu 16 huwa fformulat b'mod wiesa' ħafna ("Kull Stat Membru għandu jiżgura aċċess non-diskriminatorju għal databases użati f'dak l-Istat Membru lill-kredituri kollha biex jivvalutaw […] l-affidabbiltà kreditizja […] u għall-monitoraġġ tal-konformità tal-konsumaturi mal-obbligi kreditizji […]"). It-test ma jispeċifikax jekk id-*databases* għandhomx jiġu mfassla speċifikament għal dawn il-kontrolli ta' affidabbiltà finanzjarja, min huwa responsabbli għad-*database*, x'tip ta' informazzjoni tista' tiġi inkluża fid-*database*, x'jinvolvi l-'monitoraġġ' tal-konformità tal-konsumaturi, etċ.. Il-KEPD jifhem bi sħiħ li d-*databases* ta' kreditu għandhom strutturi differenti u huma stabbiliti f'oqfsa legali differenti madwar id-diversi Stati Membri u li l-armonizzazzjoni sħiħa tal-kriterji msemmija hawn fuq tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, l-għan tal-Proposta huwa li jiġu introdotti kundizzjonijiet armonizzati ta' aċċess għad-*database* sabiex, pereżempju, kreditur fil-Belġju jkun jista' jaċċessa l-istorja ta' kreditu ta' konsumatur fl-Italja (anki jekk id-*database* Taljan u dak Belġjan, ikunu differenti) bl-istess kundizzjonijiet bħall-kredituri Taljani, jekk il-konsumatur ikun qed jitlob ipoteka fil-Belġju. Id-dettalji tal-kriterji għall-aċċess armonizzat għandhom jiġu speċifikati aktar fl-atti ddelegati tal-Kummissjoni (ara l-Artikolu 16(2)). Il-KEPD jinnota wkoll ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE fl-Artikolu 16(4) ([1]).

13. Il-KEPD diġà esprima l-fehma li l-miżuri li għandhom impatt sostanzjali fuq il-privatezza taċ-ċittadini m'għandhomx jiġu ttrattati fil-leġiżlazzjoni ddelegata. Ċertament id-dettalji jistgħu jiġu elaborati fil-leġiżlazzjoni. L-implikazzjonijiet ewlenin għaċ-ċittadini għandhom madankollu jkunu ċari u miftiehma fil-leġiżlazzjoni adottata fuq il-bażi tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Minn perspettiva ta' protezzjoni tad-dejta, il-KEPD huwa partikolarment imħasseb dwar il-kontradizzjoni apparenti bejn il-possibbiltà ġeneralizzata ta' konsultazzjoni minn (numru li għadu ma jistax jiġi identifikat ta') operaturi ta' kreditu għad-*database* skont l-Artikolu 16 u l-obbligu "sempliċi" li ġie inkluż biss fil-premessa 27, jiġifieri li "il-konsumaturi […] għandhom jiġu infurmati dwar il-konsultazzjoni tad-database" u "għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni […] jirrettifikaw, iħassru jew jimblokkaw id-data personali

([1]) L-Artikolu huwa "mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE […]". Madankollu ara l-paragrafu 9 li fih ġiet issuġġerita modifika ta' dan l-Artikolu.

